MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Talba Numru. 423/2009

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Metropolitan Enterprises Limited – C16267**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn intalab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€1,525.16c) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovuti in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99332165 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' qbidt bin-numru 1315/09 u bl-interessi minn meta l-ammont pretiz kien dovut sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm legalment notifikata s-socjeta` konvenuta naqset li tipprezenta risposta formali in kontestazzjoni ghat-talba attrici; gie notat ukoll illi ebda rapprezentan tas-socjeta` konvenuta ma deher quddiem dan it-Tribunal meta imsejhim diversi drabi;

Semgha lil Dr. Nadia Vella ghas-socjeta` attrici tikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut in vista tal-fatt illi ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf u hames mija u hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu ((€1,525.16c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-mandat ta' qbidt u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------